MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru 638/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 29 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**Vs**

**Costantino Gouder**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Costantino Gouder, ta’ 26 sena, iben Costantino u Jane nee’ Caruana, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Marzu 1981, u li joqghod numru 29, Triq il-Gendus, Valletta, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 138481 M;

Talli fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta’ Frar, 2006, minn gewwa l-hanut tal-merca maghruf bhala ‘Dad Dra’ fi Triq ir-Repubblika, k/m Triq l-Isptar Valletta:

Ikkommetta serq t’ammont sostanzjali ta’ flus kontanti u xi gojjellerija, ghad-dannu ta’ Carmel Bugeja u/jew ta’ persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jaqbez l-elf lira maltin, u bil-hin;

Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma’ tiskorrix l-ghaxar liri maltin.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 265, 267,270, 278(2)(3), 279(b), 280(2), 281, 325 (1)(d), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

**Ikkonsidrat;**

Illi f’din il-kawza ftit hemm x’wiehed jirrimarka. Mill-provi prodotti rrizulta li fid-data u l-hin indikati giet imwettqa serqa ghad-dannu ta’ Carmel Bugeja, liema serqa kienet

kwalifikata bil-valur li jeccedi l-elf liri maltin (illum l-elfejn u tlitt mija u disgha w ghoxrin ewro), u l-imputat tressaq akkuzat li kien hu li wettaq din is-serqa. Mix-xena tar-reat, jidher li l-persuna li wettqet is-serqa kienet taf ezatt x'qed tfittex, peress li ma kien hemm ebda taqlib fil-hanut, hlief li kien hemm parti mis-suffett maqlugh, ezattament il-parti fejn Bugeja kellu mohba ta' flus kontanti u xi oggetti ta' gojellerija. Bugeja stqarr ukoll li hadd hliefu ma kien jaf b'dik il-mohba, u allura ma kellu suspetti f'hadd.

Ghalkemm il-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat fuq din is-serqa, il-Qorti izda ma tistax issib htija fl-imputat ghal dan ir-reat. Il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha kontra l-imputat, l-anqas sal-grad tal-probabbli, wisq anqas sal-grad rikjest mil-ligi. Ma giet prodotta ebda prova diretta li l-imputat b'xi mod kien konness ma' din is-serqa. In sintesi, il-provi tal-prosekuzzjoni kienu jammontaw ghal allegazzjoni fqira ghall-ahhar ta' grupp ta' zghazagh mill-Belt li qalu li ftit jiem wara li twettqet is-serqa semghu lill-imputat jghid li dahal f'dan il-hanut u jiddeskrivi dan il-hanut. Dawn iz-zghazagh kienu fil-fatt tressqu l-Qorti u ammettew li kienu dahlu f'dan l-istess hanut dak inhar stess li saret is-serqa, izda dahlu ftit hin wara li kienet saret is-serqa l-kbira u ghalhekk kull ma sabu kien it-taqlib u xi flus fil-"cash register" u xi helu. Huma qalu li ma sabu ebda eluf ta' liri fi flus kontanti jew gojellerija.

Il-Qorti ma tistax temmen lil dawn iz-zghazagh f'din l-allegazzjoni taghhom. Fl-ewwel lok, huma m'humiex attendibbli f'dak li qed ighidu fil-konfront tal-imputat peress li ghandhom kull interess jitfghu l-htija fuq xi hadd iehor meta huma stess ammettew li f'dak il-lejl dahlu fil-hanut in kwistjoni u serqu biss ammont zghir ta' flus u helu. Fit-tieni lok, din hi l-unika prova – jekk tista' tissejjah hekk b'hafna tigbid tal-immaginazzjoni – fil-konfront tal-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, din hi biss allegazzjoni gratuwita maghmula minn grupp ta' zghazagh gia' maghrufa mal-pulizija li riedu li l-imputat jitkaxkar maghhom fil-karru tal-kriminalita'. Allegazzjoni bhal din ma' tistax tregi, tal-anqas zgur minghajr xi provi ohra indizzjarji bhal xhieda okulari jew impronti digitali. F'dan il-process ma hemm xejn

kontra l-imputat, u bix-xejn il-Qorti ma tista; ssib ebda htija.

**Ghal dawn il-motivi;**

Illi din il-Qorti ma' setghetx issib htija, u ghaldaqstant qieghda tillibera lil Costantino Gouder minn kull akkuza.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------